# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

# MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
# B.A. LL.D. MAG. JUR. (LAW)

Rikors Guramentat Numru: 4/2020SG

Anthony Attard

vs

George Attard

**Illum it-Tlieta, 6 ta' Frar 2024**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Anthony Attard ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2020 fejn ġie premess:

*"1. Illi l-attur Anthony Attard permezz ta' skrittura datata sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) silef lill-konvenut is-somma ta' tnax-il elf, disa mija u sittin lira Maltin (Lm 12,960) pari ghal tletin elf, mitejn u hamsa u tletin €o u tmienja u sittin centezmu ( €30,235.68c);*

*2. Illi matul is-snin kienu jsiru pagamenti regolari mill-konvenut lill-attur tal-imghax dovut fuq din is-somma mislufa izda l-kapital sallum baqa' qatt ma thallas lura. L ahhar pagamenti ta' imghax dovut saru fis-sena elfejn u sbatax (2017);*

*3. Illi l-attur Anthony Attard interpella diversi drabi lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont dovut inkluz permezz ta' ittri ufficcjali u ittri interpellatorji izda l-konvenut baqa' dejjem inadempjenti u ma ghamel xejn;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina Onorabbli Qorti m'ghandhiex previa kwalsiasi ordni li jidhrilha xierqa u opportuna:*

*1) tiddikjara illi l-konvenut George Attard ghandu jaghti lill-attur Anthony Attard is-somma ta' tletin elf, mitejn u hamsa u tletin €o u tmienja u sittin centezmu ( €30,235.68c) flimkien ma imghaxijiet li ghadhom dovuti fuq l-istess somma;*

*2) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma lill-attur Anthony Attard."*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficciali, tal-ittri interpellatorji u bl-ingunzjoni tal-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata ta' George Attard ippreżentata fit-22 ta' Settembru 2020 fejn ġie eċċepit:

"*1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;*

*2. Illi preliminarjament qeghda tigi eccepita l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tat-talba tal-attur;*

*3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, qeghda tigi eccepita wkoll il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 (d) tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tat-talba ghall imghaxijiet;*

*4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma huwa dovut jaghti l-ebda hlasijiet lill-attur in konnessjoni mat-talbiet kif kontenuti fir-rikors guramentat;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

Rat is-sentenza preliminari tat-23 ta' Settembru 2021.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet il-provi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi Prodotti**

**Anthony Attard** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn spjega li diversi snin ilu kien avviċinah ċertu Anthony Caruana, fejn talbu biex jislef xi flus lil George Attard u għalkemm ma kienx jaf lil dan George Attard, huwa xorta sellef l-ammont ta' Lm12,960 ekwivalenti għal €30,235.68c lill-intimat u dan b'rispett lejn Anthony Caruana. Żied li s-self sar permezz ta' skrittura quddiem l-avukat Michael Grech u matul is-snin l-intimat George Attard għamel diversi pagamenti li jkopru biss l-imgħax iżda dawn il-pagamenti waqfu fl-2017. Spjega li huwa prova jitlob il-ħlas diversi modi fosthom ittri interpellatorji, ittri uffiċjali kif ukoll f'laqgħa fl-uffiċju tal-avukat ta' George Attard fejn l-istess George Attard ammetta l-ammont dovut iżda kien qal li kien biss lest li jħallas b'ammonti żgħar kull xahar minħabba d-dħul baxx li kellu.

In kontro eżami huwa xehed li fis-sena 1996 kien sellef lil George Attard fuq talba ta' Anthony Caruana. Spjega li kien huwa li kien imur jiġbor il-pagamenti mill-forn ta' George Attard iżda meta kien ikun hemm missier il-mara tiegħu, George Attard kien jinfurmah li hemm missier il-mara u li kien ser iċempillu sabiex jgħaddilu l-ħlas. Mistoqsi fuq pagamenti, huwa xehed li ma jiftakarx meta dawn kienu jsiru iżda insista li hu dejjem kien jiffirma għal kull pagament u jgħaddi kopja tal-irċevuta lill-intimat, u żied jgħid li uħud mill-irċevuti kienu iffirmati minn martu Maria Attard. Xehed li diversi drabi l-intimat kien imur jgħidlu bi problemi li jkun għaddej minnhom fosthom mal-mara u xi djun ma' nies oħra u hemm dejjem kien jitolbu biex jissapportieh ftit ieħor.

L-attur kompla jixhed in kontro eżami fejn spjega li ma jiftakarx eżatt id-data meta sar il-ftehim ta' self ta' flus iżda kkonferma dak kollu li hemm miktub fl-iskrittura quddiem l-avukat Michael Grech. Qal li kemm hu kif ukoll George Attard għandhom kopja tad-dokumenti dwar il-pagamenti. Huwa kkonferma kull pagament li hemm iffirmat u xehed li ma jafx eżatt meta saru l-pagamenti. Mistoqsi jispjega l-pagament li saru bejn 1994 u l-2008 stante li rriżulta li kull ma kien hemm hija irċevuta ta' pagament wieħed biss fl-ammont ta' elf u ħames mitt lira maltin, huwa qal li ladarba hemm irċevuta waħda, dak kien l-unika pagament li kien sar.

L-intimat **George Attard** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn iddikjara li m'għandu x'jagħti xejn lill-attur Anthony Attard.

George Attard xehed li hu kien issellef madwar Lm12,000 mingħand Anthony Attard, u li għandu xi rċevuti mil-pagamenti li kien għamel lill-istess Anthony Attard iżda żied li ma jiftakarx meta kien għamel l-aħħar pagament u jsostni li hu kien ħallas dak kollu dovut. Huwa spjega li Anthony Attard ma kienx proprjament itih irċevuta iżda kien jiffirmalu karta skont il-pagament. Żied jgħid li ma kienx ċert fuq l-ammont li ssellef u ċioe jekk hux Lm12,000 jew xi ħaġa 'l fuq minn Lm12,900, iżda fl-aħħar ikkonkluda li kien ingħata Lm12,000 eżatt u li allura l-iskrittura quddiem l-avukat Michael Grech ma kienetx korretta. George Attard baqa' jsostni li hu ħallas lura Lm12,000 bl-imgħax mingħajr ma kkwantifika kemm kien dan l-imgħax u għalhekk ma jafx eżatt kemm ħallas totalment għax hu kien tilef xi irċevuti.

George Attard xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn spjega li fil-bidu tas-snin disgħin kien xtara dar antika fir-Rabat Għawdex permezz ta' *loan* mal-bank, bl-iskop li jiftaħ ristorant. Spjega li il-post kellu bżonn diversi xogħolijiet u għalhekk kellu bżonn iktar flus. Kien għalhekk li hu kien talab lil Toni Caruana biex jgħinu, b'dan ta' l-aħħar ilaqqgħu ma' Anthony Attard. Huwa kien ftiehem ma' Anthony Attard li ser jissellef mingħandu s-somma ta' Lm12,000. Qal li Anthony Attard kien għadda l-ewwel parti ta' dawn it-Lm12,000 quddiem il-post ta' Cefai, u l-bqija quddiem l-avukat Michael Grech. L-intimat enfasizza li hu Lm12,000 kien issellef mhux Lm12,960 u temm l-affidavit tiegħu billi qal li hu kien ħallas lil Anthony Attard personalment id-dar tiegħu u dawn saru f'diversi pagamenti, fosthom anke pagamenti ta' iktar minn Lm1,000. Huwa żied jgħid li kemm-il darba kien jitlob rendikont lil Anthony Attard dwar il-bilanċ, iżda Anthony Attard qatt ma tah rendikont. Kompla jgħid li sforz is-sitwazzjoni li kellu mal-mara u sforz id-disorganizazzjoni tiegħu ma kellux l-irċevuti kollha, u minn ftit kalkoli li għamel kien irriżulta li hu kien ħallas iktar minn kemm kien dovut. Qal li fis-sena 2019 Anthony Attard kien qallu li kien għad fadallu jagħtih xi flus u hu kien ċaħad filwaqt li baqa' jinsisti li ma għandu jagħti xejn lill-istess Anthony Attard.

In kontro eżami, George Attard xehed li ġieli Anthony Attard kien imur jiffittah għall-pagamenti u mhux dejjem kien jingħata rċevuta tal-pagamenti u ġieli kien irid ifakkar hu biex joħroġlu rċevuta. Huwa tenna li hu ħallas kollox. Meta mistoqsi dwar jekk hu kienx offra lil Anthony Attard *flat* ix-Xlendi flok il-pagament, George Attard ċaħad li dan kien minnu.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti ġiet fornuta b' żewġ versjonijiet kontrastanti u għalhekk il-każ jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilita' u versomiljanza tal-versjonijiet mogħtija mill-partijiet.

F'dawn is-sitwazzjonijiet ta' verzjonijiet kunfliġġenti ingħad fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzi et** mogħtija fit-28 ta' April 2004 li:-

*"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili. Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhux dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-*

*ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal- proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza talprobabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli"*

F'każijiet bħal dawn, hi varja l-ġurisprudenza li tista' tiggwida din il-Qorti dwar l-evalwazzjoni tal-provi miġjuba quddiemha. Fost oħrajn, fil-kawża fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-24 ta' Marzu 2004 intqal dwar il-materja ta' konflitt ta' versjonijiet ta' provi mogħtija li :

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza talprovi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment talgudikant (**Kollez. Vol L pII p440).**"*

Ta' l-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**:

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Farrugia vs Farrugia**", deciza minn din ilQorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lil-lohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u talpreponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghallkonvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc talprobabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien malproponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment.*

*Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza talprobabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia vs Farrugia**", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lillQorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Fil-kawża fl-ismijiet Kmandant tal-Forzi **Armati ta' Malta Vs Francis Difesa** deċiża fit-28 ta' Mejju 2003 mill-Prim' Awla, reġgħet saret referenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**:

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, ilkonflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.";*

Fl-istess sens kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi nomine** deċiża fit-28 ta' April, 2003:

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, ilkriterju ma huwiex dak jekk ilgudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc talprobabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien malproponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza talprobabilitajiet.*

*Dan ghad-differenza ta' dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (**Vol. XXXVI P I p 319**)"*

L-istess insenjamenti jsibu s-sostenn tagħhom fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Marzu 2003 fl-ismijeit **Enrico Camilleri vs Martin Borg**:

*"Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik iccertezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik iccertezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza talprobabilitajiet". ("**Eucaristico Zammit –vs-***

*Eustrachio Petrococchino", Appell Kummerċ, 25 ta' Frar 1952; "**Paul Vassallo -vs- Carmelo Pace**", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandiex teskludi lill-ohra fuq ilbilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq liskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo" ... Kif rilevat f'sentenza antecedenti fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor Herbert Lenicker -vs-Joseph Camilleri**", Prim'Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972, "f'kawza civili lattur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li lkonvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort tal-attur); dan mhux ghaliex ittort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu".*

*Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Gemma Cassar Saetta -vs- Imco Distributors Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999."*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota ukoll li l-prova tal-pagamenti tista' ssir b'kull mezz u mhux neċessarjament bil-produzzjoni ta' riċevuta. L-aqwa prova hija l-irċevuta, pero' il-prova tal-ħlas tista' ssir b'mezzi oħrajn. Il-posizzjoni tad-debitur m'għandiex tiġi magħmula iżjed diffiċli minn dik li tagħmilha l-liġi meta tesiġi li l-prova tal-ħlas tmiss lilu. (Joseph Schembri et vs. Saviour sive Sammy Attard - Prim' Awla - 17 t'Ottubru 2019; Genovese vs Bajada - Appelli Kummerċjali - 10 ta' Ġunju 1966).

*"Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi 'la prova del pagamento e a peso del convenuto che lo allega', kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1985 fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolt favur l-attur". (Lombard Bank Malta plc vs. H. Vassallo & Sons Ltd. et, - Qorti tal-Appell - 29 ta' Frar 2008).*

F'dan ir-rigward issir ukoll referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Johann Schembri pro et noe vs. Charlot Mifsud** (App Nru 274/2003) datat 19 ta' Ottubru 2005, fejn ġew elenkati l-prinċipji regolanti l-prova ta' ħlas fi proċess ġudizzjarju:

*"1. Huwa principju pacifiku illi l-piz ta' prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Dan ghaliex una volta eccepixxa l-pagament kien jispetta lilu li jipprova dan b'mod konvincenti u konklussiv. (Ara Joe Chetcuti et vs Joseph pearson et noe, Appell - 5 ta' Ottubru 1998).*

*2. Huwa imbaghad pacifikament maghruf illi "l-pagament jista' jigi ppruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u*

*l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-prezunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-gudikant." (Emanuele Bezzina vs Emmanuele Attard et, Qorti Civili Prim' Awla - 12 ta' Frar 1959).*

3. *Hu wkoll generalment accettat, illi f'kaz ta' dubju referibbilment ghall-pagament dan kellu jkun rizolt favur l-attur - kreditur li ma kienx aggravat bl-oneru fuq imsemmi. (Ara Angelo Scicluna vs John Scerri, Qorti tal-Kummerc – 30 ta' Mejju 1951, konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1951)."*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tinnota li x-xhieda tal-partijiet hija waħda konfliġġenti iżda quddiemha hemm dokumentazzjoni li hija tista' tistrieh fuqha.

Il-Qorti rat l-iskrittura privata a folio 24 tal-proċess datata 16 ta' Marzu 1994 li tgħid is-segwenti:

*Permezz tal-prezenti George Attard iben il-mejjet George u Maria nee' Caruana imwieled Victoria u residenti 41 Triq il-Karita, Victoria Ghawdex, jiddikjara ruhu veru, cert u likwidu debitu fil-konfront ta' Anthony Attard iben Luigi Attard u Vicnenza Attard imwieled Xaghra, Ghawdex u joqghod 6 Triq San Gusepp, Xaghra, Ghawdex, fis-somma ta' tnax il-elf disa' mija u sittin lira Maltija (Lm12,960) li gew mislufa lilu precedentement. Dan is-self huwa regolat bil-kundizzjonijiet li gejjin :*

1. *Ghal zmien erba' snin dekorribbli m'illum.*

2. *Is-somma ta' elf lira Maltija hija minghajr imghax, waqt illi fuq il-bilanc ghandu jghaddi imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena pagabbli fl-ahhar ta' kull sena a scaletta*

3. *Il-partijiet jaqblu li Anthony Attard ikun awtorizzat li jithallas lura dan id-debitu mill-flus dovuti lid-debitu minn ghand l-inkwilini tal-hanut maghruf bhala « Chip n Dale » ta' Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex u ghalhekk il-kreditur jkun awtorizzat li jircievi direttament il-hlas tal-kera akkont ta' dan id-debitu.*

Dwar din l-iskrittura, m' hemmx qbil fuq l-ammont misluf peress li l-konvenut qed isostni li huwa ġie misluf Lm 12,000 biss. Iżda huwa qatt ma kkontesta l-validita' ta' din l-iskrittura u lanqas il-firma li kien hemm fuq l-istess skrittura. Għalhekk, din il-Qorti tqis li kif deltronde kkonferma l-attur, l-ammont misluf kien Lm 12,960 pari għal €30,235.68c.

Il-Qorti tqis ukoll li mill-inkartament eżebit bħala Dok AA2 mill-attur jirriżulta li saru s-segwenti pagamenti:

i. Frar 2010 – €200
ii. 22 ta' Marzu 2010 – €200

iii. 19 ta' April 2010 – €200
iv. 19 ta' Mejju 2010 – €200
v. 21 ta' Ġunju 2010 – €180
vi. 21 ta' Lulju 2010 – €200
vii. 24 ta' Awissu 2010 – €200
viii. 4 t' Ottubru 2010 – €135
ix. 8 ta' Novembru 2010 – €150
x. 10 ta' Jannar 2011 – €170
xi. 9 ta' Marzu 2011- €165
xii. 3 ta' Mejju 2011 – €170
xiii. 31 ta' Ottubru 2011- €150
xiv. 14 ta' Diċembru 2011- €150
xv. 6 ta' Frar 2012- €150
xvi. 12 ta' Marzu 2012 – €200
xvii. 13 ta' April 2012 – €100
xviii. Ċekk ta' Lm 200 ekwivalenti għal €465.87c (mingħajr data)
xix. 28 ta' Settembru 2012 – €150
xx. 13 ta' Novembru 2012- €150
xxi. 10 ta' Diċembru 2012 – €150
xxii. 6 ta' Frar 2012 – €150
xxiii. 5 ta' April 2013 – €300
xxiv. 27 ta' Ġunju 2013 – €300
xxv. 4 ta' Ottubru 2013 – €300
xxvi. 4 ta' Frar 2014- €150
xxvii. 6 ta' Mejju 2015 – €200
xxviii. 11 ta' Marzu 2016 – €150

It-total ta' dawn l-ammonti huwa ta' €5,385.87c.

Il-Qorti qieset l-inkartament eżebit mill-intimat u mmarkat bħala Dok A sa Dok G li minnhom jirriżultaw is-segwenti:

i. 20 ta' Ottubru 1997 - Ħlas ta' Lm 1500 ekwivalenti għal €3,494.06
ii. 31 ta' Lulju 2008 – €150
iii. 30 ta' Awwissu 2008 – €160
iv. 30 ta' Settembru 2008 – €140
v. 5 ta' Ottubru 2008 – €150
vi. 5 ta' Novembru 2008 – €170
vii. 5 ta' Frar 2009 – €420
viii. 5 ta' April 2009 – €170
ix. 5 ta' Mejju 2009 – €170
x. 15 ta' Ġunju 2009 – €170
xi. 11 ta' Awwissu 2009- €170
xii. Settembru 2009 – €200
xiii. 6 ta' Ottubru 2009 – €200

xiv. 11 ta' Jannar 2010 – €200
xv. 18 ta' Jannar 2010 – €200
xvi. Frar 2010 – €200
xvii. 22 ta' Marzu 2010 – €200
xviii. 19 ta' April 2010 – €200
xix. 19 ta' Mejju 2010 – €200
xx. 21 ta' Ġunju 2010 – €180
xxi. 21 ta' Lulju 2010 – €200
xxii. 24 ta' Awwissu 2010 – €200
xxiii. 4 t' Ottubru 2010 – €135
xxiv. 8 ta' Novembru 2010 – €150
xxv. 10 ta' Jannar 2011 – €170
xxvi. 9 ta' Marzu 2011- €165
xxvii. 3 ta' Mejju 2011 – €170
xxviii. 31 ta' Ottubru 2011- €150
xxix. 14 ta' Diċembru 2011- €150
xxx. 6 ta' Frar 2012- €150
xxxi. 12 ta' Marzu 2012 – €200
xxxii. 13 ta' April 2012 – €100
xxxiii. Ċekk ta' Lm 200 ekwivalenti għal €465.87c (mingħajr data)
xxxiv. 28 ta' Settembru 2012 – €150
xxxv. 13 ta' Novembru 2012- €150
xxxvi. 10 ta' Diċembru 2012 – €150
xxxvii. 6 ta' Frar 2012 – €150
xxxviii. 5 ta' April 2013 – €300
xxxix. 27 ta' Ġunju 2013 – €300
xl. 4 ta' Ottubru 2013 – €300
xli. 4 ta' Frar 2014- €150
xlii. 6 ta' Mejju 2015- €200
xliii. 11 ta' Marzu 2016 - €150
xliv. 2 ta' Novembru 2015 – €550

It-total huwa ta' €12,099.93c

Il-Qorti tqis li hija għandha tistrieħ fuq id-dokumentazzjoni mressqa mill-konvenut, peress li fil-maġġior parti tagħhom, ġew eżebiti l-oriġinal tal-kopji li ġew eżebiti. Dawn id-dokumenti eżebiti mill-konvenut jikkombaċu wkoll mad-dokumenti li ppreżenta l-attur, iżda jidher li l-attur eżebixxa parti biss mill-irċevuti. Din il-Qorti tqis li l-istess attur ammetta li l-firma maġenb il-maġġior parti tal-pagamenti eżebiti mill-konvenut saret minnu jew minn martu. Din il-Qorti lanqas ma tqis li għandha tiddubita l-veraċita ta' tali dokumenti eżebiti.

Din il-Qorti iżda ma tistax temmen lill-konvenut meta dan jallega li huwa kien ħallas l-ammont kollu dovut minnu. Kulma ressaq quddiem din il-Qorti kien lilu nnifsu jgħid dan bil-ġurament. Ma ressaq l-ebda prova oħra. Id-dokumenti li ressaq jindikaw li

tħallas ammont inqas minn dak li ġie misluf lilu ai termini ta' l-iskrittura. In oltre, din il-Qorti lanqas ma għandha quddiemha provi oħra li jistgħu jikkonfermaw dak li sostna l-konvenut fis-sens li huwa għadda minn żmien turbulenti minħabba s-separazzjoni minn ma' martu u li għalhekk tilef l-inkartament li kellu. Din il-Qorti tfakkar li l-prova tal-pagamenti kellu jġibha l-istess konvenut ġialadarba kien qed jallega li huwa ħallas l-intier ta' l-ammont kollu. Kif fuq kwotat "*la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega*" (ara "Azzopardi vs Cutajar" deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ġunju, 1982) u l-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi risolut favur l-attur ("Cassar vs Agius" deċiża fis-7 ta' Lulju, 1924 Qorti ta' l-Appell, u "Scicluna vs Mizzi" deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Marzu, 1988).

Mill-banda l-oħra, l-attur qed jinsisti li l-ammonti li tħallsu lilu mill-konvenut kienu biss ħlasijiet ta' imgħaxijiet u li għalhekk permezz ta' l-ewwel talba fir-rikors promotur, qed jitlob l-ammont kollu ta' €30,235.68c (ekwivalenti għal Lm12,960) u imgħaxijiet li għadhom dovuti fuq l-istess somma. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur imbagħad sosnta li huwa qed jitlob il-ħlas ta' €30,235.68c u l-imgħaxijiet fuq dan l-ammont b' effett mid-data tas-sentenza sal-eventwali pagament.

Madanakollu, prova li dawn l-ammonti mħallsa mill-intimat kienu proprju ħlasijiet tal-interessi dovuti fuq l-ammont misluf oriġinarjament ma tressqitx mill-attur. Din l-allegazzjoni saret mill-attur u għalhekk semmai kellu jressaq xi prova f' dan ir-rigward u ċioe' li l-ħlasijiet li kien qed jagħmel l-intimat kienu proprju ta' l-imgħaxijiet li qed jiddekorru u mhux akkont tal-ammont misluf. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax kif l-attur qatt ma qal b' mod preċiż u dettaljat kemm effettivament tħallsu lilu bħala imgħaxijiet. Lanqas ġiet mgħoddija xi kalkoli dwar kemm effettivament ġew jammontaw l-imgħaxijiet u jekk l-ammont li effettivament tħallas mill-intimat jikkoinċidux mal-kalkolazzjoni ta' l-imgħaxijiet li ddekkorrew. In oltre, il-ħlasijiet li jirriżultaw mill-irċevuti eżebiti huma ammonti tondi u għalhekk huwa inverosimili li dawn kienu jindikaw xi kalkulazzjoni partikolari ta' imgħaxijiet.

In oltre, fl-ittra uffiċjali li kopja tagħha ġiet eżebita bħala Dok AA3 a fol 27, l-attur kien interpella lil konvenut sabiex jersaq bil-għan li jsir ftehim dwar kif ser jitħallas il-bilanċ minn self ta' LM 12,960 u li matul is-snin, il-konvenut ħallas pagamenti iżda fadal bilanċ sostanzjali x' jitħallas flimkien mal-imgħaxijiet bi 8% fuq l-istess ammont. Huwa ġie nterpellat biex isir ftehim ċar kif ser jitħallas il-bilanċ u l-imgħaxijiet dovuti. Għaldaqstant, f' dan ir-rigward ma tistax tqis li l-attur ipprova li l-ammonti li tħallsu lilu kienu effettivament ħlasijiet versu l-imgħaxijiet dovuti u mhux akkont tal-ammont misluf. Tant hu hekk li fl-ittra uffiċjali, l-attur addirittura interpella lil konvenut biex jersaq ħalli jsir ftehim kif ser iħallas il-**bilanċ** u l-imgħaxijiet dovuti.

Per konsegwenza, din il-Qorti sejra tnaqqas il-pagamenti li saru mill-intimat mill-ammont misluf.

Finalment, il-Qorti baqgħet qatt ma ġiet fornuta b' rendikont dwar kemm hu l-ammont ta' imgħaxijiet li l-attur qed jippretendi li għadhom dovuti fuq is-somma mislufa. Il-Qorti tinsab f' sitwazzjoni fejn għalkemm għandha rċevuti eżebiti, uħud minnhom huma wkoll bla data. Kien jinkombi fuq l-attur li semmai jippreżenta rendikont bil-kalkoli konċernanti l-imgħaxijiet allegatament li għadhom dovuti. Din il-Qorti tqis li bil-provi li għandha quddiemha, hija ma għandhiex dik l-informazzjoni rekwiżita biex tkun tista' tikkalkola l-imgħax li allegatament kien dovut ai termini ta' l-iskrittura eżebita. Għaldaqstant, din il-Qorti mhijiex sejra tilqa' t-talba ta' l-attur in kwantu tirrigwarda l-imgħaxijiet li għadhom dovuti fuq l-istess somma mislufa.

**Decide**

Għar-raġunijiet fuq esposti, din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel u r-raba' eċċezzjoni tal-initmat safejn huma inkompatibbli ma' dak li sejjer jiġi deċiż, u qed tilqa' in parte t-talbiet ta' l-attur fis-sens li qed tordna lill-intimat iħallas lill-attur is-somma ta' tmintax-il elf, mija u ħamsa u tletin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€18, 135.75ċ).

Tordna li l-ispejjeż relatati mas-sentenza mogħtija dwar l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni jiġu sopportati interament mill-konvenut, mentri r-rimanenti spejjeż ta' din il-kawża (inklużi l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali mibgħuta f' Mejju 2019) għandhom jiġu sopportati in kwantu għal terz mill-attur u in kwantu għal żewġ terzi mill-konvenut.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

06.02.2024 – Sup4.2020 – Attard Anthony vs Attard George
4132